MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2005

Numru 522/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Vincent Zahra**

**Illum 26 ta' Lulju, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Vincent Zahra ta' 67 sena iben Gaetano u Francesca Grima, imwieled Marsa fil-11.12.1937 u joqghod Block A3, Flat 7, Triq il-Watar, Ta' Xbiex I.D. 873037m gie akkuzat talli:

Fis-27.12.2002 u snin qabel din id-data, gewwa Ta' Xbiex ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet mghamulin anki fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi li gew mghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tas-servizz tal-ilma jew li bihom seta' waqqaf jew biddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata jew ikkommetta serq ta' ilma, minn gewwa l-fond Garage No. 6, Triq il-Watar, Ta' Xbiex/Randa Court, Triq Giuseppi Cali' Ta' Xbiex, bhala detentur jew il-persuna li f'ismu ghandu dan il-fond jew il-persuna li assuma responsabilita', fejn instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu ta' Albert Delia, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin valur u lok.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SG3 u nnuntat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stephen J. Gatt iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c), (e) u (f), 263, 264, 267, 269, 270, 278(3), 280(2) u 281(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Vincent Zahra, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stephen J. Gatt iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Vincent Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------